MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2009

Numru. 56/2009

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA LL.D.**

**Kawza Nru: 56/2009**

**Illum 23 ta' Jannar, 2009**

**Il-Pulizija
(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Joseph Attard ta' 36 sena, iben Joseph u Evelyn nee` Attard, imwieled 26 ta' April, 2009 fil-Pieta`, residenti 8, Last, Triq il-Grecja, Naxxar. Detentur tal-karta ta' l-identita 137772(M)**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ l-imputat Joseph Attard li gie akkuzat talli, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istews disposizzjonijiet tal-ligi u maghmulin b’rizoluzzjoni wahda:-

1. Nhar is-16 ta’ Dicembru 2008 ghal habta ta’ l-erbgha neqsin kwart (03.45p.m.) minn gewwa Healthwise Pharmacy li jinsab gewwa Triq il-Kappillan Mifsud, Hamrun ikkommetta serq ta’ Euro 300 fi flixken tal-fwieha u kosmetici ghal ammont komplessiv ta’ aktar minn Euro233 pero` anqas minn Euro2329, ghad-dannu ta’ Keith Scerri liema serq huwa aggravate bl-‘ammont’.

2. Akkuzat aktar talli, f’dawn il-Gzejjer, nhar il-11 ta’ Jannar 2009 ghal habta tas-saghtejn ta’ wara nofs in-nhar (02.00pm) minn gewwa Tanti Palmier Confectionery li tinsab Triq Sir Fredrick C. Ponsomby, Gzira ikkommetta serq ta’ mobile phone tal-marka LG Chocolate li l-ammont komplessiv tieghu ma jaqbizx Euro233 ghad-dannu ta’ Cynthia Vella.

3. Akkuzat aktar talli,f’dawn il-Gzejjer, nhar il-15 ta’ Jannar 2009 ghal habta ta’ l-erbgha ta’ wara nofsinhar (04.00pm) minn gewwa Agenda Bookshop li jinsab gewwa l-Isptar Mater Dei, Msida, ikkommetta serq ta’ Euro157.31 fi fliexken tal-fwieha ghad-dannu ta’ Charlene Pace.

4. Akkuzat aktar talli, f’dawn il-Gzejjer, nhar il-21 ta’ Jannar 2009 ghal habta ta’ l-erbgha neqsin kwart (03.45p.m.) minn gewwa Marks & Spencer li jinsab gewwa Triq Santu Wistin, San Giljan seraq Euro20 fi flus kontanti ghad-dannu tar-Razzett tal-Hbiberija.

5. Akkuzat aktar talli, f’dawn il-Gzejjer, nhar is-17 ta’ Jannar, 2009, ghal habta ta’ (12.55pm) nofs siegha neqsin kwar ta’ wara nofs inhar minn gewwa Provita li jinsab f’21 ta’ Settembru, Naxxar , seraq ammont mhux

maghruf ta’ fliexken tal-fwieha ghad-dannu ta’ Alizia Galea.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkonsidrat;

Illi fid-dawl tal-amissijoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hat ital-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena l-Qorti sejra tieghu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat izda fuq kollox l-ghajnuna immedjata li l-imputat ghandu bzonn sabiex jeghleb il-vizzju tieghu tad-droga li qed iwasslu sabiex jikkommetti dawn it-tip ta’ reati.

Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(f), 284, 267, 49 u 50 tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikoli 7 tal-Kapitolu 446 ntal-Ligjiet ta’ Malta, il-Qorti qed tqieghed lill-hati taht ordni ta’ probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum b’dan illi l-imputat ghandu isegwi program ta’ rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti qed twissi lill-imputat bil-kosegwenzi skond il-ligi jekk huwa jonqos milli jobdi l-ordni tal-Probation Officer imposta fuqu mill-Qorti llum.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbghat lid-Direttur tal-Probation Services.

## **< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------